2025/1940

23.9.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1940

tat-22 ta' Settembru 2025

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2015/1755 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1755 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2015/1755.

(2) Abbażi ta' rieżami tar-Regolament (UE) 2015/1755 mill-Kunsill, jenħtieġ li titħassar l-entrata li tikkonċerna persuna waħda inkluża fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi, kif tinsab fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/1755 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/1755 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

J. JENSEN

[1] ĠU L 257, 2.10.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1755/oj.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/1755 (“Lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 2”), titħassar l-entrata li ġejja:

“3. Mathias-Joseph NIYONZIMA”.